**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**
**- vs -**
**Francesco Attard ta' 63 sena, iben Michele u Coronata xebba Spiteri li joqghod N.B., Triq Mgarr ix-Xini, Xewkija, Ghawdex.**
**Karta tal-Identita' numru 236G**

Illum 11 ta' Lulju 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat fuq talba tac-chairman tal-Maltacom PLC, talli fit-30 t'Awissu 1998, mid-dar tieghu N.B., Triq Mgarr ix-Xini, Xewkija, ghamel uzu minn stazzjon, apparat, strument jew accessorji ohra provduti mill-Korporazzjoni Maltacom ghal ghanijiet barra minn dawk li ghalihom hemm provdut, u dan bi ksur ta' l-artikolu 43 tal-Att XVI tal-1975, kif ukoll ghamel uzu minn sistema tat-telefon ghal skop illegali jew mhux xieraq bi ksur tal-Avviz Legali 47/1972, Reg 36(1a), u aktar talli ghamel uzu minn sistema ta' telefon sabiex johloq dwejjaq, inkonvenjenza jew inkwiet lil Josephine Cachia mill-Munxar fuq telefon nru. 560800.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti din il-Qorti mhix propensa illi tikkontempla sejbien ta' htija ghas-semplici raguni illi telefonata wahda tal-imputat ma hix indikattiva ta' xi inkonvenjent.

Ghal dawn il-motivi ma ssibux hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur